# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 234/2017**

Il-Pulizija

vs

**Kevin Psaila**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 252179(M)

Illum il-31 ta' Lulju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kevin Psaila quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli:

> Fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru 2012 ikkommetta serq ta' television minn go residenza bin-numru 296, Triq Santa Duminka Zabbar ghad-detriment ta' Rosaria Bonello u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-lok u bil-hin.
>
> U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' April, 2017 fejn il-Qorti fil-waqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni dwar recediva u illiberatu minnha, wara li rat l-artikoli 261(b)(e), 263, 264, u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet

lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal serq aggravat bil-mezz u bil-lok, izda mhux aggravat ukoll bil-valur u hin minn liema zewg aggravji qed jigi liberat, u kkundannatu sittax (16) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ordnat lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' sebgha mija tnejn u erbghin Euro u sittax il-centezmu (€742.16) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant Kevin Psaila minnu pprezentat fil-5 ta' Mejju, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha u tilliberah fil-parti kundannatorja taghha, u konsegwentement tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti qatt ma relevat l-oggett allegament misruqa f'dan il-kaz televizjoni, xorta wahda ghazlet li temmen lill-parti leza li attwalment kien hemm televizjoni li gie nieqes.
>
> Illi l-unika prova indizzjarja li strahet fuqha l-Qorti kien t-tehid ta' fingerprints tal-appellant li ttiehdu mill-appellant wara li kien hu stess li voluntarjament ipprovda tali prova.
>
> Illi fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et' deciza fil-15 ta' Gunju 1998 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:
> "Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghall-konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qieghda hemmhekk biex f'kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni f'kazijiet fejn din tkun l-unika prova."
>
> Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Victor Gatt, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni

jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal- imputat fuq flixkun tal- whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa hiss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1988 fil-kawza fl-ismiijiet Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri gie deciz li: "f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun morlament konvinta mill-htija tal-akkuza."

Illi minghajr pregudizzju ghas-sentenza premessa wiehed ghandu josserva li skond ir-rapport tal-espert l-impronti digitali kienu diversi u mhux unikament dawk ta' l-appellant.

Illi fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz R v Castletan (3 Cr App R - 74. CCA (vide Archbold 1997 para 14-97) gie deciz li: '*Identification of fingerprints by a person or part in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification'.*

Illi madankollu meta l-appellant irrilaxxja zewg stqarrijiet mal-pulizija ezekuttiva mil-bidu nett dejjem cahad l-involviment tieghu fis-serqa in kwistjoni.

Illi x'inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ts' serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li *our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara* i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro.

Illi kif gie dejjem ritenut mill-Qrati taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fi-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara [pp.cit. VOL I . para. 2035]:-"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso." u I-Crivellari jghid :- "L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare."

Illi f'dan l-aspett l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni illi l-appellant f'dawk iz-zminijiet u anke illum kien jahdem fuq bazi full-time, kellu xoghol stabbilit, huwa ragel tal-familja u ghalhekk ic-cirkostanzjoni odjerni fejn allegament l-appellant seraq televizjoni antik b'valur minima ma tantx ghandha treggi b'mod konkret.

Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958, VOL. II, p. 305] jispjega hekk :-"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self.... " u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale jghid "il profitto ... deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola." u aktar ' isfel :- " ... per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso." U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :- "Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21. Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.14D]

Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-process jirrizulta li l-imputat la qatt ma ha t-televizjoni in kwistjoni u lanqas ma kellu ebda konnesjoni rnas-serq de quo u wisq aktar element intenzjonali.

Illi ghalhekk mhux talli l-ewwel qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi mressqa quddiemha izda l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant qatt a gew ippruvati 'l boghod minn kull dubbju dettat minn ragun.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant essenzjalment iqanqal zewg aggravji meta jishaq fl-ewwel lok illi l-uniku prova li fuqha giet imsejsa ir-reita' kienet marbuta ma' impronti digitali li instabu fuq ix-xena tar-reat li wahedhom ma kenux jippuntaw fid-direzzjoni tal-htija. Fit-tieni lok jishaq illi l-elementi legali tar-reat tas-serq kif johorgu mid-definizzjoni tal-Carrara ma

gewx ippruvati billi ma kienx hemm prova illi t-tehid doluz tar-*res furtiva* u cioe' tat-televizjoni li kien l-uniku oggett li nsteraq, ittiehed bil-ghan li jsir xi forma ta' qliegh. L-appellant fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kellu hajja stabbili u impjieg fiss u jichad illi kien prezenti fuq ix-xena tar-reat.

Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn jirrizulta illi fil-jum indikat fl-akkuza sehhet serq mir-residenza ta' certu Rosaria Bonello fejn gie misruq televizjoni tal-marka Toshiba li kien gie mixtri ghal prezz ta' 349 ewro. Ghalkemm kien hemm taqlib fil-post madankollu ma instab xejn aktar nieqes. Bis-serqa indunat bint l-parti leza billi f'dak iz-zmien Bonello, mara anzjana ta' 89 sena kienet ghadha kemm giet rikoverata l-isptar. Fl-istharrig maghmul mill-pulizija gew elevati diversi impronti diġitali mil-fond fejn sehhet is-serqa u wara li saru l-eżamijiet forensiċi rriżulta li uħud minnhom kienu jaqblu ma' dawk tal-appellant. Meta l-appellant ġie mitkellem mill-pulizija hu nnega l-involviment tiegħu fis-serqa in kwistjoni u dan anki wara li sar eżami komparattiv mal-impronti tiegħu li rriżultaw fil-posittiv.

Bonnici, bint il-vittma, spjegat fix-xiehda taghha illi x'aktarx li l-malvivent daħal mit-tieqa u dan peress li kienet tidher li inqlaghet u tpoggiet lura bil-kontra. Qalet ukoll li ommha kienet tgħix waħedha d-dar u ma kienet idaħħal lill-ħadd. Stqarret illi qabel ma l-omm ittiehedet lejn l-isptar il-jum ta' qabel meta waqghet u wegghet, id-dar kienet inghalqet u kullimkien gie imsakkar. L-isgass fit-tieqa ġie kkonfermat ukoll minn PS1576 Simon Grech. Mill-eżamijiet forensiċi li saru kemm mill-pulizija kif ukoll mill-espert forensiku maħtur, irriżulta illi kien hemm qbil bejn l-impronti digitali elevati mit-tieqa u mil-purtella ma' dawk ta'l-appellant.

L-appellant offra x-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti, u stqarr li dakinhar hu kien fil-vicinanzi jistenna lil ċerta Benna Farrugia fit-triq meta huwa straħ mat-tieqa tar-residenza tal-parti leza. Hu qal illi strah mal-purtella tal-injam li kienet fuq wara u dan mingħajr ma mess it-tieqa tal-ħġieġ fuq in-naħa ta' barra. Li Benna Farrugia kienet

tiltaqa' regolarment mal-appellant fit-triq in kwistjoni ġie kkonfermat minnha wkoll. Madankollu hi qalet li qatt ma ratu jistrieħ ma din it-tieqa u li qatt ma nnutat it-tieqa ta' din id-dar partikolari miftuħa u dan tafu peress illi tgħaddi minn hemmhekk ta' spiss.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Illi apparti l-addebitu tar-reċidiva li minnha l-appellant gie illiberat, l-appellant gie mixli bir-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-ħin, fejn ghalkemm

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

misjub hati dwar l-involviment tieghu fis-serqa mertu ta' dan il-kaz madanakollu gie illiberat ukoll mill-aggravanti tal-valur u tal-hin.

Illi l-prova ewlenija li fuqha l-Ewwel Qorti sejset id-dikjarazzjoni taghha ta' htija kienet prova cirkostanzjali jew indizzjarja konsistenti fl-impronti digitali li instabu fuq it-tieqa tal-lok fejn sehh ir-reat liema impronti qabblu ma' dawk tal-appellant. L-appellant jipprova jiggustifika is-sejbien ta' dawn il-marki tas-swaba billi jikkontendi illi huwa kien qed jistenna konoxxenza tieghu f'dik it-triq u strah mal-purtella tat-tieqa.

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Anthony Abela"** [28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-

> **"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija.**

Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" [7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabbilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-pulizija biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq '9 points'. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbatax (14) il-*"point of comparison"*

L-awtur Blackstones spiss iccitat mill-qrati taghna fil-ktieb tieghu "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-

> **"Properly presented** ***fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,*** **in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82). Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics.**
>
> **See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said:**
>
> ***"Finger print evidence, like any other evidence, is admissible ..... if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....." He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."***

"Fil-fatt it-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan il-kaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata.[2]"

Inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja**[3] :

---

[2] Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb

[3] Deciza fis-7.5.2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

**"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik limpronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".**

Ukoll, skond is-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs George Spiteri[4] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:

**Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.**

**L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova indizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova indizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubbju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**

---

[4] Ippreseduta mill-Imħallfin Arrigo Noel V., Filletti Joseph A., Vella Patrick.

**Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u interpretazzjoni tal-prova indizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.**

Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

**'...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.[5]**

Ikkunsidrat:

Illi jibda biex jingħad illi mill-atti processwali jirrizulta illi kien hemm tlett impronti palmari li qabblu ma' tal-appellant u cioe' dawk immarkati bħala 12CXH301 u 12XCH302 li qabblu mal-id il-leminija ta' Psaila filwaqt illi 12CXH307 qabblet ma l-id ix-xellugija tieghu. Iktar importanti izda huwa il-post fejn instabu dawn il-marki ghaliex filwaqt li l-ewwel żewġ impronti nstabu fuq in-naħa ta' barra tat-tieqa tal-fond, dik mmarkata bħala 12CXH307 instabet fuq il-purtella fuq in-naħa tax-xellug meta tħares lejha minn ġewwa l-propjeta'[6]. Dan ifisser illi meta saret din l-ahhar impronta, il-malvivent necessarjament kien jinstab gewwa l-fond. Dan johloq allura prova inkonfutabbli illi l-appellant daħal fil-propjeta in kwistjoni mill-istess tieqa fejn instab l-

---

[5] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8.5.2014.

[6] Ara r-rapport ta' PS70 Omar Caruana a folio 20 tal-atti proċesswali, li ġie sussegwentement ikkonfermat mir-rapport tal-espert maħtur Joseph Mallia li jinstab a folio 81 (JM1).

isgass. Issa ghalkemm l-appellant jipprova jiggustifika l-presenza ta' dawn il-marki fuq it-tieqa, madanakollu ma jaghtix spjegazzjoni kif l-marka palmari tieghu setghet sabet ruhha fuq in-naha ta' gewwa tal-purtella u dan tenut kont tal-fatt illi ma jirrizultax illi l-appellant qatt kien dahal f'din ir-residenza qabel l-jum tas-serqa ghal xi ghan legittimu. Ulied il-parti leza jikkonfermaw fuq kollox illi meta hadu lil ommhom l-isptar il-jum ta' qabel huma hadu hsieb jaghlqu d-dar. Dan ifisser illi fid-dawl ta' dawn il-fatti probatorji l-Ewwel Qorti setgħet legalment u fattwalment tohloq ness bejn l-att materjali tar-reat u il-persuna tal-appellant.

Illi l-verzjoni moghtija mill-appellant ghalhekk m'ghandhiex mis-sewwa mhux biss ghaliex jghid illi meta strah mat-tieqa din kienet miftuha, meta hemm provi li t-twieqi kienu kollha maghluqin, izda ukoll ghaliex ma jaghtix gustifikazzjoni ghal presenza tal-marka palmari fuq il-purtella minn naha ta' gewwa taghha. Illi dan hu ikkonfermat ukoll mix-xhieda ta' Benna Farrugia, li hija midhla ta' dik iz-zona li tishaq illi dejjem osservat illi d-dar in kwistjoni dejjem ikollha l-aperturi kollha magħluqin korroborat minn bint il-parte ċivile stess Josephine Bonnici.

Illi r-reat tas-serq huwa wiehed ta' ordni pubbliku li ma kienx jinnecessita kif donnu qed jikkontendi l-appellant li tixhed il-vittma, mara anzjana li kienet rikoverata l-isptar. Illi is-serqa giet ikkonfermata minn bintha Josephine Bonnici li ghamlet ir-rapport lill-pulizija u kienet f'posizzjoni tikkonferma f'hiex kienet tikkonsisti r-*res furtiva*. Kwindi l-ewwel Qorti setgħet toqogħod fuq ix-xiehda tagħha mingħajr il-ħtieġa tal-konferma daparti tas-sid tal-fond.

Illi finalment l-appellant jishaq illi l-elementi ta' dritt li isawwru r-reat tas-serq ma humiex kollha prezenti billi ma saritx il-prova mill-prosekuzzjoni illi t-tehid doluz tar-*res furtiva* sar bi skop ta' qliegh. Illi d-definizzjoni tar-reat tas-serq giet imfassla fil-gurisprudenza bhala dik moghtija mill-Carrara billi l-legislatur ma ipprovda l-ebda definizzjoni ta' dan ir-reat, bl-elementi tas-serq, jigu mahruga minn din id-definizzjoni

kif jispjega l-kompjant Professur Sir. Anthony Mamo li jislet hames elementi li iridu jigu necessarjament sodisfatti ghalbiex tirrizulta r-reita', u dan meta jippostula bhala dawn l-elementi:

1. ***The contrectatio of a thing.***
2. ***belonging to others.***
3. ***made fraudulently.***
4. ***without the consent of the owner.***
5. ***animo lucrandi.***

L-appellant jikkontendi illi l-ahhar element u cioe' dak tal-qliegh ma jirrizultax ippruvat. Illi fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Balzan ġie ritenut illi:

> **... meta l-awturi jitkellmu dwar profitt gej mis-serq dan qed jghiduh bl-aktar mod wiesgha tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji izda bizzejjed ikun fl-aktar termini generici ta' gwadann, liema gwadann m'ghandux ghalfejn ikun personalment tal-persuna koncernata izda anke ghal haddiehor.....**[7]

Illi dan l-ilment fil-fehma tal-Qorti jirrazenta il-fieragh. Dan ghaliex gjaladarba gie ippruvat illi kien l-appellant li dahal fil-fond tal-parti leza u ikkometta s-serq, kien legittimu ghal min huwa imsejjah biex jiggudika li jikkonkludu illi dan ma sarx ghal xi ghan legittimu izda unikament sabiex isir l-akkwist ta' oggett minghajr il-kunsens ta' sidu u bil-ghan illi isir xi forma ta' gwadann. Anke s-sempliċi użu u tgawdija tal-oġġett, anke jekk temporanjament jissodisfa l-kriterju tal-ħsieb tal-qliegħ. Fuq kollox id-difiza li iressaq l-appellant mhijiex wahda fejn huwa jipprova jiggustifika l-presenza tieghu fuq ix-xena ta-reat jew inkella jipprova jiggustifika it-tehid tar-*res furtiva*, izda hija wahda fejn huwa jichad kategorikament l-involviment tieghu fir-reat lilu addebitat, tant illi jichad illi huwa kien prezenti fuq ix-xena tar-reat.

---

[7] Deċiża nhar is-26 ta' Marzu 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Michael Mallia.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Edwina Grima

Imħallef